MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1190/1998/1

**John Mary sive Jimmy Vella u Josephine Vella mizzewgin**

**Vs**

**Suncrest Hotel plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-atturi rrendew servizzi u ghamlu fornituri ta' frott, verdura u bajd frisk versu l-prezz ta' Lm33,900.60 (tlieta u tletin elf u disa' mitt lira Maltin u sittin centezmu ) liema ammont is-socjeta` konvenuta ma hallsitx;

Premess illi ghalkemm interpellata ghall-hlas ta' dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta' l-atturi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' Lm33,900.60 (tlieta u tletin elf u disa' mitt lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' frott, verdura u bajda frisk debitament ikkonsenjati mill-atturi u mis-socjeta` konvenuta mhux imhallsa;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-ahhar pagament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998 li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta' konvenuta tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi kienu saru s-segwenti hlasijiet:-
(a) Lm3055.87 ghall-ahhar ta' Mejju 1998;
(b) Lm4535.89 ghall-ahhar ta' Gunju 1998; u
(c) Lm4493.24 ghall-ahhar ta' Lulju 1998;

2. Illi skond is-socjeta` konvenuta l-bilanc kien ta' Lm19,111.25;

3. Illli l-intiza bejn il-partijiet hi li jkun hemm pagamenti mensili ta' cirka Lm4500 kull xahar;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Semghet lill-kontendenti u lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici intavolat din ic-citazzjoni peress li kellha tiehu ammont minghand is-socjeta` konvenuta li lilha kienet tforniha bil-htigijiet taghha ta' frott, verdura u bajd frisk;

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta ma cahditx li ghandha taghti l-flus pero` ssottomettiet fin-nota ta' l-eccezzjonijiet illi l-ammont ma kienx dak mitlub ta' Lm33,900 izda kien ta' Lm19,111 u li di piu` kien hemm ftehim li dan jithallas b'rati ta' Lm4500 kull xahar;

Illi skond il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Mejju 1999, jigifieri pratikament sena minn wara l-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet, is-socjeta` konvenuta kkonfermat illi "oltre ghar-referenza ghal pagamenti akkonti illi kienu saru, tikkonferma li saru pagamenti ohra u li l-ammont thallas kwazi kollu pero` kien xi ammont ta' ftit mijiet illi kien qed jigi kontestat";

Illi fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2001 id-difensur tas-socjeta` attrici pprezenta nota ta' riduzzjoni fejn l-ammont li kien qed jigi mitlub gie ridott ghal Lm2704 u esebixxa wkoll kopja tal-fatturi kollha relattivi ghan-negozju bejn il-

kontendenti u li minn dan juri l-bilanc li kien ghad fadal; l-attur inoltre ipprezenta affidavit u anki ta x-xiehda tieghu quddiem il-Qorti u gie wkoll kontro-ezaminat u kkonferma "li l-ammont li ghadu bilanc biex jithallas huwa ta' madwar Lm2700";

Illi ghalkemm il-Qorti ssollecitat lill-kontendenti biex izommu inkontru biex jikkjarifikaw il-pendenzi li kien hemm bejniethom, jidher li dan ma ta ebda rizultat pozittiv u l-Qorti kemm-il darba halliet il-kawza biex jidhru l-partijiet u anki l-kawza giet fl-ahhar differita ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta li pero` baqghet ma ressqet l-ebda prova;

Illi l-Qorti mill-assjem tal-provi u mill-atteggjament tal-partijiet tifhem li s-socjeta` konvenuta tammeti li ghandha tati xi flus pero` qatt ma kkontestat b'mod konkret l-allegazzjonijiet ripetutament maghmula mill-attur li wkoll ressaq dak kollu seta' jipproduci. Ghalhekk il-Qorti hija perswaza li l-verzjoni ta' l-attur hija gustifikata u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu milqugha skond kif ridotti mill-ammont originarjament mitlub.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba;

Tilqa' limitament it-Tieni Talba tac-citazzjoni b'dan li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, seba’ mija u erba’ liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm2704.71) bilanc ta' ammont akbar prezz ta' fornitura ta' frott, verdura u bajd frisk maghmula mill-istess atturi a favur tas-socjeta` konvenuta.

L-ispejjez u bl-imghax li ghandu jibda jidderkorri mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lis-socjeta` konvenuta, kontra l-istess socjeta` konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------